

Brussell, 22 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9305/25
ADD 1

POLCOM 100
COMER 82
UD 117
COHOM 81
DELECT 63

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 3066 annex
Suġġett:	ANNESSI tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 3066 - ANNEXES 1 to 2.

Mehmuż: C(2025) 3066 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.5.2025
C(2025) 3066 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-kummerç ta' ċerti oġġetti li jistgħu
jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieneni krudili, inumani jew
degradanti oħra**

ANNEX I

“ANNEX II

LISTA TA' OĠĠETTI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLI 3 U 4

Nota Introduttoria:

Il-“kodiċijiet NM” f’dan l-Anness jirreferu għall-kodiċijiet speċifikati fit-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87¹.

Fejn il-kodiċi NM ikun preċedut minn “Ex”, l-oġġetti koperti minn dan ir-Regolament huma biss parti mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-kodiċi NM u huma determinati kemm mid-deskrizzjoni mogħtija f’dan l-Anness kif ukoll mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-kodiċi NM.

Noti:

1. Il-punti 1.3 u 1.4 fit-taqsim 1 dwar oġġetti mfaqqdin għall-eżekuzzjoni tal-bnedmin ma jkoprox oġġetti tekniċi mediċi.
2. L-iskop tal-kontrolli f’dan l-Anness jenħtieġ li ma jiġix imxejjen bl-esportazzjoni ta’ kwalunkwe oġġett mhux ikkontrollat (inklużi impjanti) li jkollu fih komponent ikkontrollat jew aktar minn wieħed, meta l-komponent jew komponenti kkontrollati jkunu l-element prinċipali tal-oġġetti u jkunu jistgħu jitneħħew jew jintużaw b’faċilità għal għanijiet oħrajn.

NB: Meta jiġi vvalutat jekk il-komponent jew il-komponenti kkontrollati għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, huwa meħtieġ li jintiżnu l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-għarfien espert teknoloġiku involuti, kif ukoll jintiżnu ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jstabilixxu li l-komponent jew il-komponenti kkontrollati huma l-element prinċipali tal-oġġetti li jkunu qed jiġu akkwistati.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
	1. Oġġetti maħsubin għall-eżekuzzjoni tal-bnedmin, kif ġej:
Ex 4421 99 Ex 8208 90 00	1.1. Forok, giljottini u xfafar għall-giljottini
Ex 8543 70 90 Ex 9401 79 00 Ex 9401 80 00 Ex 9402 10 00	1.2. Siġġijiet elettriċi għall-fini tal-eżekuzzjoni tal-bnedmin
Ex 9406 20 00 Ex 9406 90 38 Ex 9406 90 90	1.3. Kmamar mingħajr arja, magħmulin pereżempju mill-azzar u mill-ħġieġ, maħsubin għall-fini tal-eżekuzzjoni tal-bnedmin bl-amministrazzjoni ta’ gass jew sustanza letali.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta’ Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta’ Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Ex 8413 81 00 Ex 9018 90 50 Ex 9018 90 60 Ex 9018 90 84	1.4. Sistemi awtomatiċi għall-injezzjoni tad-drogi maħsubin għall-fini tal-eżekuzzjoni tal-bnedmin bl-amministrazzjoni ta' sustanza kimika letali
	2. Oġġetti li mhumiex xierqa għall-użu mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex irażżnu l-bnedmin, kif ġej:
Ex 8543 70 90	2.1. Apparat għax-xokkijiet elettriċi li hu maħsub biex jintlibes fuq il-ġisem minn individwu mrażżan, bħal ċintorini, kmiem u manetti, maħsubin biex irażżnu l-bnedmin bl-amministrazzjoni ta' xokkijiet elettriċi.
Ex 7326 90 98 Ex 7616 99 90 Ex 8301 50 00 Ex 3926 90 97 Ex 4203 30 00 Ex 4203 40 00 Ex 4205 00 90 Ex 4017 00 00	2.2. Manetti tas-saba' l-kbir, manetti tas-swaba', skrejjen tas-saba' l-kbir, u tas-swaba'. Nota: Din il-partita tinkludi manetti u skrejjen kemm bis-snien u kemm mingħajrhom.
Ex 7326 90 98 Ex 7616 99 90 Ex 8301 50 00 Ex 3926 90 97 Ex 4203 30 00 Ex 4203 40 00 Ex 4205 00 90 Ex 6217 10 00 Ex 6307 90 98 Ex 4017 00 00	2.3. Felq bl-iżbarra, strumenti ta' trażżin tar-riġlejn bil-piż u ktajjen tal-gruppi li jinkludu felq bl-iżbarra jew strumenti ta' trażżin tar-riġlejn bil-piż. Noti: 1. Felq bl-iżbarra huma qajd jew ċrieki tal-ġhaksa b'mekkaniżmu li jsakkar, marbuta ma' żbarra riġida li tipikament hija tal-metall. 2. Dan il-punt jinkludi felq bl-iżbarra u strumenti ta' trażżin tar-riġlejn bil-piż li huma marbuta ma' manetti ordinarji permezz ta' katina.
Ex 7326 90 98 Ex 7616 99 90 Ex 8301 50 00 Ex 3926 90 97 Ex 4203 30 00 Ex 4203 40 00 Ex 4205 00 90 Ex 6217 10 00 Ex 6307 90 98 Ex 7315 81 00 Ex 7315 82 00 Ex 7315 89 00 Ex 4017 00 00	2.4. Ktajjen ta' gruppi Nota: Il-ktajjen ta' gruppi jinkludu diversi pari ta' manetti, manetti tar-riġlejn, ktajjen taż-żaqq, jew taħlita ta' dawn, imwahnha ma' katina waħda (spiss magħmula mill-metall), li jrażżnu diversi persuni flimkien f'katina.
Ex 7326 90 98 Ex 7616 99 90 Ex 7315 81 00	2.5. Manetti tas-saqajn Nota:

Ex 7315 82 00 Ex 7315 89 00	Il-manetti tas-saqajn huma ċrieki tal-metall mhux aġġustabbli jew trażżin tal-metall mhux aġġustabbli ieħor li jkun imwaħħal madwar l-għaksa tal-priġunier, normalment permezz ta' arranġament ta' bolt jew vit. Dawn jista' jkollhom ċpiepet jew le u normalment ikunu marbuta ma' katina. [Huma differenti mill-manetti tar-riġlejn li jistgħu jiġu aġġustati fuq l-għaksa tad-detenut (Anness III, 1.3)].
Ex 7326 90 98 Ex 7616 99 90 Ex 8301 50 00 Ex 3926 90 97 Ex 4203 30 00 Ex 4203 40 00 Ex 4205 00 90 Ex 6217 10 00 Ex 6307 90 98 Ex 4017 00 00	2.6. Manetti mfassla biex jiġu ankrati mal-ħajt, l-art jew is-saqaf
Ex 9401 61 00 Ex 9401 69 00 Ex 9401 71 00 Ex 9401 79 00 Ex 9401 80 00 Ex 9402 10 00	2.7. Siġġijiet ta' trażżin: siġġijiet mġhammra b'qajd jew apparat ieħor biex irażżan il-bnedmin. Nota: Din il-partita ma tipprojbix is-siġġijiet mġhammra biss b'ċineg jew ċintorini
Ex 9402 90 00 Ex 9403 20 80 Ex 9403 50 00 Ex 9403 60 00 Ex 9403 89 00	2.8. Twavel tal-qajd u sodod tal-qajd: twavel u sodod bil-qajd jew apparat ieħor li jrażżan il-bnedmin. Nota: Din il-partita ma tipprojbix twavel u sodod mġhammra biss b'ċineg jew ċintorini
Ex 9402 90 00 Ex 9403 50 00 Ex 9403 60 00 Ex 9403 70 00 Ex 9403 89 00	2.9. Sodod bil-gaġġa: sodod li jinkludu gaġġa (erba' ġnub u saqaf) jew struttura simili li tagħlaq bniedem fil-konfini tas-sodda, bis-saqaf jew ġenb wieħed jew aktar tas-sodda li huma mġhammin bi żbarri metalliċi jew oħrajn, u li jkunu jistgħu jinfetħu biss minn barra
Ex 9402 90 00 Ex 9403 20 20 Ex 9403 50 00 Ex 9403 60 90 Ex 9403 70 00 Ex 9403 89 00	2.10. Sodod bix-xibka: sodod li għandhom gaġġa (erba' ġnub u saqaf) jew struttura simili li tagħlaq bniedem fil-konfini tas-sodda, bis-saqaf jew ġenb wieħed jew aktar tas-sodda li jkollhom xibka, u li jkunu jistgħu jinfetħu biss minn barra
Ex 6505 00 10 Ex 6505 00 90 Ex 6506 91 00 Ex 6506 99 10 Ex 6506 99 90	2.11. Braneż u blindfolds iddisinjati biss għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi biex jimblukaw il-vista u/jew jagħlqu l-wiċċ ta' persuna/detenut, inklużi tali braneż u blindfolds meta konnessi permezz ta' katina ma' manetti ordinarji jew sistemi ta' trażżin oħrajn.

Ex 6217 10 00 Ex 6307 90 98	Nota: Din il-partita ma tinkludix braneż tal-bżieq li huma kkontrollati fl-Anness III 1.4.
	3. Apparat portabbli li mhuwiex addattat għall-użu mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet jew tal-awtoprotezzjoni, kif ġej:
Ex 9304 00 00	3.1. Lembubi magħmulin mill-metall jew materjal ieħor li jkollhom xaft b'ponot tal-metall
Ex 7326 90 98 Ex 4205 00 90 Ex 6602 00 00 Ex 7326 90 98 Ex 7806 00 80 Ex 4203 29 90 Ex 4015 19 00	3.2. Lembubi jew lembubi mwieżna mlibbsin ġilda ħoxna jew lastku b'piż addizzjonali ddisinjat biex iżid l-impatt kinetiku fuq il-persuna fil-mira u ngwanti ppeżati jew apparat simili ieħor Noti Lembuba mwieżna: Apparat ċatt li jikkonsisti minn metall (azzar molla) imlibbes ġilda jew lastku oħxon u li jintuża biex persuna tissawwat jew tingħata daqqiet; jew lembuba qasira li tikkonsisti f'azzar molla mdawwar bil-ġilda, xi drabi ppeżata f'tarf minnhom biċ-ċomb, u użata biex jingħataw daqqiet lil persuna. L-ingwanti ppeżati normalment ikunu magħmula mill-ġilda u fuq l-għadam, is-swaba', jew il-wara tal-id ikollhom trab tal-azzar jew ċomb meħjutin fil-materjal.
Ex 4421 91 00 Ex 4421 99 99 Ex 3926 90 97 Ex 6602 00 00	3.3. Lathis Nota: Lathis huma lembubi flessibbli twal (b'aktar minn 1 m f'tul), tradizzjonalment magħmula mill-injam jew mill-bambù iżda wkoll mill-polikarbonat tat-tip użat bħala arma mill-uffiċjali tal-pulizija.
Ex 3926 90 97 Ex 7326 90 98	3.4. Tarki b'ponot tal-metall
Ex 3926 20 00 Ex 7326 90 98 Ex 7616 99 90 Ex 4017 00 00	3.5. Korazza tal-ġisem b'tappini bil-ponta jew serrazzjonijiet magħmula mill-metall jew materjal ieħor. Nota: Din il-partita ma tikkontrollax korazzi tal-ġisem b'sistemi li jerfgħu t-tagħbija li fihom partijiet magħmula mill-metall jew materjal ieħor użat biex jitwaħħal jew jinġarr tagħmir.
	4. Frosti kif ġej:
Ex 6602 00 00	4.1. Frosti oħra b'aktar minn siegla jew strixxa waħda, bħal sawwatiet jew cats o' nine tails.
Ex 6602 00 00	4.2. Frosti li jkollhom siegla jew strixxa waħda jew aktar li magħhom ikollhom snanar, ganċijiet, tappini bil-ponta, wajer tal-metall jew oġġetti simili li jsaħħu l-impatt tas-siegla jew tal-istrixxa.

Ex 6602 00 00	<p>4.3. “Sjamboks”</p> <p>Nota:</p> <p>Din il-partita tirreferi għal tip ta’ frosta tqila, tradizzjonalment magħmula mill-ġilda, jew minn materjali oħra, bħall-plastik. Din il-partita ma tkoprix strumenti użati tradizzjonalment għall-merħla tal-annimali.</p>
	<p>5. Armi u tagħmir li jxerrdu sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti jew proġettili tal-impatt u munizzjon relatat li mhumiex adatti għall-użu mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-fini ta’ kontroll tal-irvellijiet jew tal-awtoprotezzjoni.</p>
Ex 8424 20 00 Ex 8424 89 70 Ex 9304 00 00	<p>5.1. Tagħmir fiss għat-tixrid ta’ sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti fi spazji magħluqin, li jista’ jitwaxx mal-ħajt jew ma’ saqaf ġo bini, jinkludi kaxxetta ta’ aġenti kimiċi irritanti jew inkapaċitanti u jiġu attivati permezz ta’ sistema ta’ kontroll mill-bogħod.</p> <p>Nota: Din il-partita tirreferi għal tagħmir jew apparat tat-tip użat fil-ħabsijiet u postijiet oħra ta’ detenzjoni. Mhuwiex ipprojbit tagħmir fiss iddisinjat għat-tixrid ta’ sustanzi tas-satar (bħal fwar tal-ilma jew ċpar), li ma jikkawżawx ħsara fiżika diretta, użati fi spazji kummerċjali jew privati magħluqa għall-iskop ta’ prevenzjoni tas-serq.</p>
Ex 9301 10 00 Ex 9301 20 00 Ex 9301 90 00 Ex 9302 00 00 Ex 9303 10 00 Ex 9303 20 10 Ex 9303 20 95 Ex 9303 30 00 Ex 9303 90 00 Ex 9304 00 00 Ex 9306 21 00 Ex 9306 29 00 Ex 9306 30 10 Ex 9306 30 30 Ex 9306 30 90 Ex 9306 90 10 Ex 9306 90 90	<p>5.2. Tagħmir u proġettili esplożivi għall-iddispensar ta’ kwantitajiet dannużi ta’ aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet minn pjattaformi fl-ajru.</p> <p>Nota:</p> <p>Din il-partita ma tikkontrollax granati tad-duħħan u ma tikkontrollax pjattaformi fl-ajru bħala tali. Din il-partita tinkludi tagħmir fejn il-mod ta’ tixrid huwa minnu nnifsu mhux preċiż, jew it-tagħmir jew il-proġettili jistgħu jxerrdu ammonti ta’ aġent għall-kontroll tal-irvellijiet li huma ta’ ħsara.</p>

”

ANNEX II

“ANNEX III

LISTA TA’ OĠĠETTI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 11

Nota Introduttoria:

Il-“kodiċijiet NM” f’dan l-Anness jirreferu għall-kodiċijiet speċifikati fit-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

Fejn il-kodiċi NM ikun preċedut minn “Ex”, l-oġġetti koperti minn dan ir-Regolament huma biss parti mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-kodiċi NM u huma determinati kemm mid-deskrizzjoni mogħtija f’dan l-Anness kif ukoll mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-kodiċi NM.

Noti:

1. L-iskop tal-kontrolli f’dan l-Anness jenħtieġ li ma jiġix imxejjen bl-esportazzjoni ta’ kwalunkwe oġġett mhux ikkontrollat (inklużi impjanti) li jkollu fih komponent ikkontrollat jew aktar minn wieħed, meta l-komponent jew komponenti kkontrollati jkunu l-element prinċipali tal-oġġetti u jkunu jistgħu jitneħħew jew jintużaw b’faċilità għal għanijiet oħrajn.

NB: Meta jiġi vvalutat jekk il-komponent jew il-komponenti kkontrollati għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, huwa meħtieġ li jintiżnu l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-għarfien espert teknoloġiku involuti, kif ukoll jintiżnu ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxu li l-komponent jew il-komponenti kkontrollati huma l-element prinċipali tal-oġġetti li jkunu qed jiġu akkwistati.

3. F’xi każijiet is-sustanzi kimiċi huma elenkati bl-isem u n-numru CAS. Il-lista tapplika għal sustanzi kimiċi tal-istess formula strutturali (inklużi l-idrati) irrispettivament mill-isem jew min-numru CAS. In-numri CAS jintwerew sabiex jassistu fl-identifikazzjoni ta’ sustanza kimika jew taħlita partikolari, irrispettivament min-nomenklatura. In-numri CAS ma jistgħux jintużaw bħala identifikaturi uniċi minħabba li xi forom tas-sustanza kimika elenkata għandhom numri CAS differenti, u taħlitiet li jkollhom sustanza kimika elenkata jista’ jkollhom ukoll numri CAS differenti.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
	1. Prodotti maħsubin għat-trażżin tal-bnedmin, kif ġej:
Ex 7326 90 98 Ex 7616 99 90 Ex 8301 50 00 Ex 3926 90 97 Ex 4203 30 00 Ex 4203 40 00 Ex 4205 00 90 Ex 6217 10 00 Ex 6307 90 98 Ex 7315 81 00 Ex 7315 82 00 Ex 7315 89 00 Ex 4017 00 00	1.1. Qajd Noti: 1. Qajd huma sistemi ta’ trażżin li jikkonsistu minn żewġ manetti jew ċrieki b’mekkaniżmu li jsakkar, b’katina jew żbarra li tgħaqqadhom 2. Din il-partita ma tikkontrollax is-sistemi ta’ trażżin tar-riġlejn jew il-ktajjen tal-gruppi pprojbiti bil-partiti 2.3 u 2.4 tal-Anness II 3. Dan il-punt ma jikkontrollax “manetti ordinarji”. Il-manetti ordinarji huma manetti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: - id-dimensjoni kumplessiva tagħhom inkluża l-katina, imkejla mix-xifer ta’ barra ta’ manetta waħda sax-xifer ta’ barra tal-manetta l-oħra, hi bejn 150 u 280 mm meta ż-żewġ manetti jkunu msakkra; - iċ-ċirkonferenza ta’ ġewwa ta’ kull manetta hija massimu ta’ 165 mm meta l-krikk jinsab imdaħħal fl-aħħar talja li tidħol fil-mekkaniżmu li jsakkar; - iċ-ċirkonferenza ta’ ġewwa ta’ kull manetta hija minimu ta’ 200 mm meta l-krikk jinsab imdaħħal fl-ewwel talja li tidħol fil-mekkaniżmu li

	<p>jsakkar; u</p> <p>- il-manetti ma jkunux ġew modifikati biex jikkawżaw uġiħ jew tbatija fiżika.</p>
<p>Ex 7326 90 98</p> <p>Ex 7616 99 90</p> <p>Ex 8301 50 00</p> <p>Ex 3926 90 97</p> <p>Ex 4203 30 00</p> <p>Ex 4203 40 00</p> <p>Ex 4205 00 90</p> <p>Ex 6217 10 00</p> <p>Ex 6307 90 98</p> <p>Ex 4017 00 00</p>	<p>1.2 Manetti individwali jew ċrieki b'mekkaniżmu li jsakkar li għandhom ċirkonferenza ikbar mill-massimu ta' 165 mm meta l-krikk jinsab fl-aħħar talja li tidħol fil-mekkaniżmu li jsakkar.</p> <p>Nota:</p> <p>Din il-partita tinkludi sistemi ta' trażżin tal-għonq u manetti jew ċrieki individwali oħra b'mekkaniżmu li jsakkar li huma marbuta mal-manetti ordinarji permezz ta' katina.</p>
<p>Ex 7326 90 98</p> <p>Ex 7616 99 90</p> <p>Ex 8301 50 00</p> <p>Ex 3926 90 97</p> <p>Ex 4203 30 00</p> <p>Ex 4203 40 00</p> <p>Ex 4205 00 90</p> <p>Ex 6217 10 00</p> <p>Ex 6307 90 98</p> <p>Ex 7315 81 00</p> <p>Ex 7315 82 00</p> <p>Ex 7315 89 00</p> <p>Ex 4017 00 00</p>	<p>1.3 Manetti tar-riġlejn</p> <p>Nota:</p> <p>Il-manetti tar-riġlejn huma sistemi ta' trażżin li jikkonsistu f'żewġ manetti, normalment magħmula mill-metall, maqfulin mal-għaksa, u mwaħħlin b'katina li tippermetti lid-detenut jitħarrek ftit. Id-daqs tal-manetti normalment ikun akbar minn dak tal-manetti ordinarji u jkun aġġustabbli.</p> <p>Din il-partita ma tikkontrollax is-sistemi ta' trażżin tar-riġlejn jew il-ktajjen tal-gruppi pprojbiti bil-partiti 2.3, 2.4, 2.5 u 2.6 tal-Anness II</p>
<p>Ex 6505 00 10</p> <p>Ex 6505 00 90</p> <p>Ex 6506 91 00</p> <p>Ex 6506 99 10</p> <p>Ex 6506 99 90</p>	<p>1.4 Barnużi tal-bżieq: inklużi barnużi magħmula minn xibka, li għandhom għata għall-ħalq li tipprevjeni li wieħed jobżoq.</p> <p>Nota:</p> <p>Din il-partita tinkludi barnużi tal-bżieq li huma marbuta mal-manetti ordinarji permezz ta' katina.</p>
	<p>2. Armi u apparat maħsuba għall-fini tal-infurzar tal-liġi inkluż il-kontroll tal-irvellijiet jew tal-awtoprotezzjoni, kif ġej:</p>
<p>Ex 8543 70 90</p> <p>Ex 9304 00 00</p>	<p>2.1. Armi ta' skariku elettriku li jistgħu jinġarru li jistgħu jimmiraw biss lejn individwu wieħed kull darba li jkun amministrat xokk elettriku, inkluż iżda mhux limitat għal-lembubi tax-xokkijiet elettriċi, tarki tax-xokkijiet elettriċi, pistoli tax-xokkijiet u pistoli tad-darts tax-xokkijiet elettriċi</p> <p>Noti:</p> <p>1. Din il-partita ma tikkontrollax ċinturini tax-xokkijiet elettriċi u apparati oħrajn li jaqgħu taħt il-partita 2.1 tal-Anness II.</p> <p>2. Dan il-punt ma jikkontrollax lit-tagħmir individwali tax-xokk elettroniku meta jakkumpanja lill-utent tiegħu għall-protezzjoni personali tal-</p>

	utent stess.
Ex 8543 90 00 Ex 9305 99 00	<p>2.2. Kits li fihom il-komponenti essenzjali kollha għall-assemblaġġ ta' armi tal-iskariku elettriku li jinġarru, ikkontrollati bil-partita 2.1.</p> <p>Nota:</p> <p>L-oġġetti li ġejjin huma meqjusa li jkunu komponenti essenzjali:</p> <ul style="list-style-type: none"> - l-unità li tipproduċi xokk elettriku, - l-iswiċċ, kemm jekk fuq remote control kemm jekk le, u - l-elettrodi jew, fejn applikabbli, il-wajers li permezz tagħhom għandhom jiġu amministrati x-xokkijiet elettriċi
Ex 8543 70 90 Ex 9304 00 00	2.3. Armi tal-iskariku elettriku fissi jew li jiġu mmuntati li jkopru żona wiesgħa u jistgħu jimmiraw lejn individwi multipli b'xokkijiet elettriċi
Ex 9303 90 00 Ex 9304 00 00 Ex 9306 30 90 Ex 9306 90 90	<p>2.4. Lanċaturi ta' proġettili tal-impatt kinetiċi b'tir wieħed (KIP) u proġettili tal-impatt kinetiċi assoċjati</p> <p>Nota:</p> <p>Din il-partita tinkludi proġettili komunement magħrufa bħala balal tal-gomma jew tal-plastik jew balal ta' impatt, proġettili ta' impatt irritanti kimiċi u beanbags. Dawn jiġu f'forom u daqsijiet differenti, inklużi blalen jew ċilindri kbar u żgħar, u jistgħu jkunu magħmula minn gomma, PVC, fowm dens, jew injam. Din il-partita ma tikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-partiti ML1, 2 u 12 tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.</p>
Ex 9301 10 00 Ex 9301 20 00 Ex 9301 90 00 Ex 9302 00 00 Ex 9303 10 00 Ex 9303 20 10 Ex 9303 20 95 Ex 9303 30 00 Ex 9303 90 00 Ex 9304 00 00	<p>2.5 Lanċaturi u apparati ta' disseminazzjoni inklużi lanċaturi ta' kanen multipli</p> <p>Nota:</p> <p>Din il-partita tinkludi lanċaturi ta' kanen multipli li tipikament ikollhom bejn 2 u 36 kanna, u li jistgħu jkunu awtonomi jew immuntati fuq vetturi, vetturi tal-art mingħajr ekwipaġġ, jew bastimenti tat-tbaħħir. Il-lanċaturi jistgħu jitħaddmu manwalment jew jitħaddmu b'kontroll mill-bogħod, li jippermetti sparar individwali, sekwenzjali jew simultanju ta' munizzjon b'impatt kinetiku jew irritanti kimiċi, li jirriżulta f'nar rapidu jew fi fqigħ ta' nar. Din il-partita ma tikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-partiti ML1 u 2 tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.</p>
Ex 9306 21 00 Ex 9306 29 00 Ex 9306 30 10 Ex 9306 30 30 Ex 9306 30 90 Ex 9306 90 10 Ex 9306 90 90	<p>2.6 Munizzjon li fih proġettili ta' impatt kinetiċi multipli</p> <p>Nota:</p> <p>Din il-partita tinkludi munizzjon li jista' jkun magħmul mil-lastiku, plastik, jew injam, u li jista' jvarja f'termini tad-daqs, in-numru u l-forma. L-għadd ta' blalen individwali jista' jvarja minn għadd żgħir ta' blalen jew blokko kbar sa mijiet ta' pellets żgħar. Din il-partita ma tikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-partiti ML1 u 2 tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.</p>

	3. Armi u tagħmir għad-disseminazzjoni ta' sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti għall-użu mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet jew awtodifiża, kif ġej:
Ex 8424 20 00 Ex 8424 89 70 Ex 9304 00 00	3.1. Armi u tagħmir li jistgħu jinġarru li jew jamministraw doża ta' sustanza kimika inkapaċitanti jew irritanti li jimmiraw lejn individwu wieħed jew iferrxu doża ta' tali sustanza fil-forma ta' daħna ta' sprej ċpar jew sħaba li taffettwa żona żgħira, meta s-sustanza kimika hija amministrata jew imferrxa. Noti: 1. Din il-partita ma tikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-partita ML7(e) tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea (1) 2. Din il-partita ma tikkontrollax tagħmir individwali li jista' jinġarr, anki jekk ikun fih sustanza kimika, meta jakkumpanja lill-utent tiegħu għall-protezzjoni personali tal-utent stess 3. Minbarra sustanzi kimiċi rilevanti, bħal aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet jew PAVA, l-oġġetti kkontrollati bil-partiti 3.3, 3.4 u 3.7 għandhom jitqiesu li huma sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti.
Ex 2939 79 90	3.2. Vanillilamide tal-aċidu pelargoniku (PAVA) (CAS RN 2444-46-4) Nota: Din il-partita ma tikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-partita ML7(e) tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.
Ex 3301 90 30 Ex 1302 19 70	3.3. Oleoreżina tal-kapsiku (OC) (CAS RN 8023-77-6) Nota: Din il-partita ma tikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-partita ML7(e) tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.
Ex 3301 90 30 Ex 3302 10 90 Ex 3302 90 10 Ex 3302 90 90 Ex 3824 99 92	3.4. Taħlitiet li fihom mill-inqas 0,3 % skont il-piż ta' PAVA jew OC u solvent (bħal etanol, 1-propanol jew eżan), li jistgħu jiġu amministrati bħala aġenti inkapaċitanti jew irritanti, b'mod partikolari f'aerosols u f'forma likwida, jew użati għall-manifattura ta' aġenti inkapaċitanti jew irritanti Noti: 1. Din il-partita ma tikkontrollax zlazi u preparati għalihom, sopop jew preparati għalihom u kondimenti mħallta jew taħwir, sakemm il-PAVA jew l-OC ma jkunux l-uniku togħma kostitwenti fihom. 2. Din il-partita ma tikkontrollax prodotti mediċinali li għalihom ingħatat awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq f'konformità mal-liġi tal-Unjoni (2)
Ex 8424 20 00 Ex 8424 89 70 Ex 9304 00 00	3.5. Apparat fiss jew li jiġi mmuntat għat-tifrix ta' aġenti kimiċi inkapaċitanti jew irritanti li jkopri firxa wiesgħa u mhux maħsub biex jitwaħħal ma' ħajt jew ma' saqaf ġewwa bini.

	<p>Noti:</p> <ol style="list-style-type: none"> Din il-partita ma tikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-partita ML7(e) tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea Din il-partita tikkontrolla wkoll kanuni tal-ilma Minbarra sustanzi kimiċi rilevanti, bħal aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet jew PAVA, l-oġġetti kkontrollati bil-partiti 3.3 u 3.4 għandhom jitqiesu li huma sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti
<p>Ex 9306 21 00 Ex 9306 29 00 Ex 9306 30 10 Ex 9306 30 30 Ex 9306 30 90 Ex 9306 90 10 Ex 9306 90 90</p>	<p>3.6. Projezzjoni ta' kalibru kbir b'aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet.</p> <p>Nota:</p> <p>Din il-partita tinkludi projezzjoni li fihom aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet, b'mod partikolari OC u PAVA b'kalibru ta' aktar minn 56 mm. L-użu ta' tali oġġetti jrid ikun konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi, b'mod partikolari l-Artikolu 2.1 u 2.9.d.</p>
<p>Ex 2934 99 90 Ex 2930 90 95 Ex 2933 99 20 Ex 2921 29 00 Ex 2830 90 85 Ex 3824 99 92 Ex 3824 99 93 Ex 3824 99 96</p>	<p>3.7. Taħlitiet kimiċi malodoranti fformulati biex jipproduċu riħa qawwija u mhux pjaċevoli għal skopijiet ta' kontroll tal-irvellijiet sakemm ma jkunux ta' ħsara u ma jkollhom l-ebda effett fit-tul fuq is-saħħa.</p> <p>Nota:</p> <p>Din il-partita hija definita bħala taħlita mfassla biss għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi li fiha mill-inqas waħda mill-firxiet ta' sustanzi kimiċi li ġejjin ifformulati biex jipproduċu riħa tinten u profondament mhux pjaċevoli u li tista' tinxtred permezz ta' sprej li jinżamm fl-idejn, granati, projezzjoni lanċjati, droni, u kanuni tal-ilma:</p> <ol style="list-style-type: none"> Tjoacetone (kodiċi CAS 4756-05-2) Alliċin (kodiċi CAS 539-86-6) Skatol (kodiċi CAS 83-34-1) Kadaverina (kodiċi CAS 462-94-2) Putressina (kodiċi CAS 110-60-1) Idrosulfid tal-ammonju (kodiċi CAS 12124-99-1) Etanetijol (kodiċi CAS 75-08-1) Propanetijol (kodiċi CAS 107-03-9) Isobutiltijol (kodiċi CAS 513-44-0) Butanetijol (kodiċi CAS 109-79-5) <p>Din il-partita ma tikkontrollax taħlitiet kimiċi malodoranti li mhumiex maħsuba għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi.</p>
	<p>(1) L-aħħar verżjoni adottata mill-Kunsill fid-19 ta' Frar 2024 (ĠU C/2024/1945, 1.3.2024, p. 1)</p> <p>(2) Ara b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1) u d-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta'</p>

Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti
mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

”